# Kbir il-Vojt (2)

Jikteb
**Mag. Joe Cassar**

L-ewwel *Status Animarum* fl-Arkivji Parrokkjali ta' Ħal Tarxien hu dak tas-sena 1699. Dwar l-i*Stati Animarum* ta' bejn l-1699 u l-1769 (mhemmx is-snin kollha) sar studju bir-reqqa mill-Professur Mons. Karm Sant u Dr Mario Vassallo fil-Melita Historica tan-1979 (Vol. VII - Nr. 4, p. 363-371). Il-Professur Stanley Fiorini kiteb studju b'żewġ artikli dwar l-i*Stati Animarum* f'Malta *(Status Animarum 1: A unique source for 17th and 18th century Maltese Demography fil-Melita Historica tal-1983 (Vol. 8 Nr. 4).* U *Status Animarum II*: A census *of 1687 fi Proceedings of History Week 1984 (p. 41 - p. 73).*

Fl-arkivji tal-Mużew tal-Katidral (CEM: ST. AN. 29) sibt l-i*Status Animarum* ta' Ħal Tarxien tal-1695 li qatt ma ġie studjat qabel. Il-manuskritt hu magħmul minn 24 folja miktuba fuq iż-żewġ naħat, b'lista ta' familji fl-1 ta' Marzu 1695.

Ta' kull sena l-kappillan kien jagħmel lista tan-nies ta' raħal jew belt u jara kemm il-parruċċani tiegħu kienu jwettqu l-preċett tal-qrar u t-tqarbin fil-jiem tal-Għid il-Kbir. Aktarx li l-poplu kollu, fi żminijiet oħra kien jimxi mat-tagħlim tal-knisja u l-kappillan kien iniżżel l-ittri 'CC' fejn l-ismijiet *(comunicantis)*. Dawn l-i*Stati Animarum* jgħinu biex tinbena l-popolazzjoni ta' Malta matul is-sekli meta l-istat ma kien jagħmel l-ebda ċensimenti.

L-I*status Animarum* tas-1695 għall-irħula ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid hu manuskritt ta' 24 folja miktuba fuq iż-żewġ naħat bil-lista ta' familji. L-I*status* ġie msewwi billi saritlu ħsara mis-susa. L-aktar ħsara saret meta nkiteb l-ewwel darba biċ-ċaflis ta' linka li beda jinfed minn folja għall-oħra.

Fuq l-ewwel folja hemm miktub:

*Liber Status Animarum*
*Casal Tarxen factus*
*Die p(rim) a Marzi 1695*

u taħtha

*Exibitus per reverendum Dominum Don Mariano*
*Haxisa Parrochus Casalis Tarxen die 27 Aprilis*

It-tagħrif mogħti hu ftit imqabbel ma' *Stati Animarum* oħra. Wara li jitniżżel il-kliem 'In nomine Jesu Amen' il-kappillan jibda l-lista tiegħu hekk:

*Matteo Bonnici di anni 86 CC*
*Marietta moglie di anni 74CC*
*(isem maqtugħ) ta' Domenico/a? għandu/a 6 snin*

L-ewwel li jingħata l-isem tal-missier tal-familja, kunjomu u l-età. Wara tiġi martu (moglie) u wara t-tfal wieħed wara l-ieħor mill-kbir għaż-żgħir skont l-età tagħhom. Fejn il-missier miet jidher l-isem tal-armla tiegħu ved(ova) mingħajr ma jissemma l-isem tal-mejjet żewġha u wara l-lista tat-tfal bl-ordni msemmija. Jekk il-familja qed trabbi lil xi ħadd, għandha seftura (serva) jew ilsir dawn jitniżżlu fl-aħħar nett. F'każ ta' aħwa, fejn m'hemmx żwieġ u lanqas tfal dawn aktarx jitniżżlu skont l-età, il-kbir/a l-ewwel.

Skont il-kappillan Dun Mariano Haxisa f'Ħal Tarxien u f'Raħal Ġdid kienu joqogħdu 792 (Ħal Tarxien 730, Raħal Ġdid 62) maqsuma f'220 familja (Ħal Tarxien 196, Raħal Ġdid 24). Mis-792, 212 kienu 'piccoli' li aktarx tfisser li kien għadhom ma għamlux il-griżma li kienet issir meta wieħed jagħlaq 13-il sena. Qassamt il-lista skont il-kunjomijiet u ħriġt din it-tabella.

Il-kunjomijiet qed jinkitbu kif nizzilhom il-kappillan li mhux bilfors jaqblu ma' kif jinkitbu llum.

| | |
|---|---|
| Abela | 1 |
| Agius | 25 |
| Aquilina | 6 |
| Attardo | 16 |
| Azzopardi | 22 |
| Baldacchino | 2 |
| Balzan | 5 |
| Barbara | 14 |
| Bianco | 27 |
| Bonavoglia | 2 |
| Bondi | 3 |
| Bonnici | 47 |
| Bugeja | 16 |
| Busuttil | 15 |
| Cachia | 17 |
| Caci | 2 |
| Callela | 12 |
| Cammilleri | 25 |
| Caruana | 13 |
| Cassar | 26 |
| Chircop | 14 |
| Cumbo | 6 |
| Dalli | 6 |
| Darmanin | 4 |
| Di Brincato | 12 |
| Di Giuliano | 3 |
| Di Gregorio | 2 |
| Dimech | 4 |
| Disira | 19 |
| Ellul | 36 |
| Falzon | 3 |
| Farrugia | 46 |
| Felici | 6 |
| Fenech | 13 |
| Flammengo | 4 |
| Finara | 2 |
| Gafan | 7 |
| Galdes | 6 |
| Galia | 10 |
| Greco | 12 |
| Grima | 17 |
| Hasciak | 7 |
| Imbroglio | 5 |
| Magro | 5 |
| Mallia | 24 |
| Mamo | 2 |
| Mercieca | 16 |
| Mifsud | 5 |
| Mizzi | 5 |
| Mogibello | 7 |
| Muscat | 5 |
| Paci | 2 |
| Piccolo | 6 |
| Portelli | 4 |
| Psaila | 11 |
| Pulis | 8 |
| Sammut | 4 |
| Schembri | 1 |
| Scicluna | 19 |
| Scimiglia/Schibiglia | 4 |
| Sejchell | 1 |
| Sellato | 2 |
| Spiteri | 18 |
| Taljana | 2 |
| Terrau | 6 |
| Vella | 27 |
| Veneziano | 7 |
| Zahra | 21 |
| Zammit | 18 |
| Zarb | 1 |
| Ma jingħatax kunjom jew il-kunjom ma jingħarafx | 9 |

Fejn jitniżżel isem ta' qassis, il-kappillan fil-ġenb tax-xellug jagħmel salib ġewwa kaxxa. Fil-parroċċa kien hawn disa' qassisin. Dun Gregorio Camilleri, Dun Nicola Barbara, Dun Giovanni Barbara, Dun Camillo Cumbo, Dun Luca Cassar li ma għandux salib fil-ġenb, Dun Antonio Barbara, Dun Bartolomeo Barbara, Dun Mattew Busuttil, Dun Gio Paulo Galdes, Dun Tomaso Chircop, Barbara, Camilleri u Cassar jiġu minn xulxin. Il-linka li biha saru s-slaleb ħdejn Gregorio Camilleri u neputih Nicolo Barbara nifdet ġewwa folja oħra u hekk fuq in-naħa tal-lemin tal-paġna Gratia Psaila, armla ta' 45 sena saret qassis.

Xi nies oħra fil-ġenb tal-folja fejn ġew imniżżla għandhom isem ta' raħal jew belt f'Malta jew pajjiż ieħor. Aktarx marru u telqu biex ifittxu x-xogħol - ara s-silta li ġejja. L-Hacak huma aħwa:-

*Attardo Orlando, Sicilia / Bonnici Francesco, Valletta / Bonnici Giovanni, Valletta / Galea Anna, Rabbato / Grec*

*Giuseppe, Spagna / Grec Domenico, Burmula / Hacak Clementino, Levante / Hacak Grazio, Francia / Hacak Ludovico, Valletta / Hellun Paolo, (partito) / Mifsud Caterina, Senglea / Muscat Giuseppi, Burmula / Piccolo Andrea, Valletta / Scicluna Leone, (post mhux imniżżel) / Vella Giovanni, Valletta / Xicluna Alosio, Zebbug / Kunjom mhux imniżżel Antonio, Sicilia / Kunjom mhux imniżżel Rosina, Zejtun.*

Xi familji qed iżommu jew irabbu lil xi ħadd magħhom. Giuseppi Muscat ta' 21 sena u martu Vincenza għandhom magħhom lil Caterina (orfana) ta' 12-il sena. L-armla Caterina Scicluna għandha magħha n-neputija Petronilla. Domenico Calleja mal-familja tiegħu qed iżomm lil Giovanni Negro. Dan hu lsir u ġie mgħammed fis-6 ta' Jannar 1693. (*Liber Baptisatorum* 2 p. 295). Don Giopaulo Galdes u ħutu jieħdu ħsieb in-neputija Veronica.

Signora Domenica Zarb għandha seftura, Paula Spiteri. La signora 'Femia' li tant hi magħrufa li l-kappillan ma jgħidx li hi armla ta' Michele Busuttil, għandha żewġ sefturi Maria u Ursola. Signor Giomatteo Portelli għandu wkoll seftura jisimha Angela.

L-aktar ħaġa stramba hi li fil-lista jidhru 132 armla (nisa li fejnhom qed titniżżel il-kelma ved(ova)). Irġiel li skont il-lista ma għandhomx mara u għandhom ulied magħhom huma 10. Għaliex din id-differenza kollha bejn romol nisa u romol irġiel? Diġà ħabbtu wiċċhom magħha Sant u Vassallo meta għamlu l-istudju tagħhom (Ibid p. 364)... *"the death rate for males who had to face the difficult working conditions of the time resulted in a disproportionate number of widows to widowers, even if the figures as they stand might in fact be hiding a possible high incidence of serial marriages... There would certainly have been more pressure on males to remarry especially if left with young children then would have been possible for a widow who finds herself in a similar situation. The relative size of the widow / widower population, especially at a time when social services were still unknown is however still very striking."*

Il-kappillan għal mara miżżewġa juża l-kelma 'moglie'. Għal tliet nisa li żewġhom mhux magħhom jikteb ħdejhom il-kelma 'iugale'. Hemm sitt nisa li jgħixu ma' uliedhom li l-kappillan ma niżżilx li kienu romol. F'żewġ każi oħra fejn qabżitlu l-kelma ved(ova) niżżilha fil-ġenb. F'Raħal Ġdid, Evangelista kienet tgħix ma' Francesco Scimiglia sakemm ma sabx ruħu fis-Sacra Infermeria. Matgherita Grec tgħix ma' Francesco Scibiglia u għandha tifla Anna Maria ta' xahrejn imma jekk Scimiglia u Scibiglia huma l-istess kunjom...

Iż-żewġ irħula ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid u n-nies li jgħixu fihom jistħoqqilhom aktar stħarriġ.

Ħajr lis-sinjuri Mario Gauci u Noel D'Anastas.

## Bar fiċ-Ċirkolu San Ġwann Bosco

**Nixtiequ navżaw li għall-jiem tal-festa se jkun hemm Bar miftuħ għal kulħadd fiċ-Ċirkolu San Ġwann Bosco b'risq il-manutenzjoni tal-Knisja Parrokkjali.**

